IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

# Stqarrija għall-Istampa

**Il-Lussemburgu, it-23 ta' Settembru 2016**

## It-trasport marittimu fl-UE: "Sar ħafna investiment li la huwa effettiv u lanqas sostenibbli, u hemm riskju kbir ta' ħela", jgħidu l-Awdituri

**Skont rapport ġdid mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, terz mill-infiq tal-UE fuq faċilitajiet bħal mollijiet, baċiri u taljamari fil-portijiet tal-baħar tal-UE bejn l-2000 u l-2013 la kien effettiv u lanqas sostenibbli. Euro minn kull tlieta li ntnefqu fuq il-proġetti eżaminati (EUR 194 miljun) intuża fuq proġetti li dduplikaw faċilitajiet li kienu diġà jeżistu fil-qrib. EUR 97 miljun ġew investiti f'infrastruttura li jew ma ntużat xejn jew li bilkemm intużat għal aktar minn tliet snin wara li ġiet ikkompletata.**

L-awdituri vvalutaw l-istrateġiji tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri dwar it-trasport marittimu tal-merkanzija u l-valur għall-flus li twassal mill-investimenti tal-UE fis-servizzi portwarji, li ammontaw għal total ta' EUR 17-il biljun f'għotjiet u selfiet bejn l-2000 u l-2013. Huma żaru 19-il port tal-baħar f'5 pajjiżi tal-UE – il-Ġermanja, l-Italja, il-Polonja, Spanja u l-Iżvezja. L-awdituri sabu li l-istrateġiji fuq terminu twil li ġew stabbiliti ma pprovdewx bażi robusta għall-ippjanar tal-kapaċità tal-portijiet. La l-UE u lanqas l-Istati Membri ma kellhom stampa strateġika ġenerali ta' liema portijiet kienu jeħtieġu finanzjament, u għal xiex, filwaqt li l-finanzjament ta' tipi simili ta' infrastruttura f'portijiet ġirien wassal għal investiment li la kien effettiv u lanqas sostenibbli.

Rivalutazzjoni li saret ta' ħames proġetti li kienu diġà ġew eżaminati fl-2010 indikat li l-valur għall-flus kien baxx: l-użu tal-infrastruttura ffinanzjata mill-UE li nżdiedet f'dawn il-portijiet kien għadu inadegwat wara kważi deċennju ta' operazzjonijiet. F'erba' portijiet, żoni rilevanti tal-portijiet kienu għadhom jew vojta jew kważi vojta, filwaqt li fil-ħames wieħed ma kienu qed isiru l-ebda operazzjonijiet.

*"It-trasport marittimu fl-UE jinsab f'baħar ta' inkwiet,"* **qal is-Sur Oskar Herics, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li huwa responsabbli għar-rapport.** *"Il-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet huma dgħajfin u hemm riskju kbir li l-flus investiti jinħlew. B'mod ġenerali, dan huwa relatat ma' kważi EUR 400 miljun ta' investiment li ġie eżaminat."*

Il-proġetti ffinanzjati mill-UE li ġew awditjati kienu ineffiċjenti wkoll, bl-ispejjeż ilaħħqu EUR 139 miljun aktar milli kien ippjanat, filwaqt li 19 mit-30 proġett ikkompletat li ġew eżaminati ġarrbu dewmien li wassal sa 136 % tal-istimi inizjali. Mis-37 proġett li ġew awditjati għall-ewwel darba (b'finanzjament mill-UE ta' EUR 524 miljun) 7 kienu għadhom ma ġewx ikkompletati saż-żmien meta sar l-awditu.

Barra minn hekk, il-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-BEI dwar il-finanzjament tal-infrastruttura tal-portijiet

***L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.***
*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu)*


# ECA Press

**Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47063 M: (+352) 691 55 30 63**
**Damijan Fišer – Uffiċjal tal-IstampaT: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24**
**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**
**E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA eca.europa.eu**

ma kinitx tiffunzjona sew: l-għoti ta' selfiet mill-BEI lil portijiet ġirien barra l-UE (eż. il-Marokk) kien xekkel l-effettività tal-finanzjament mill-UE li ġie investit f'portijiet tal-UE.

Billi l-finanzjament mill-UE fil-livell tal-proġetti kien marbut mal-outputs, iżda mhux mar-riżultati, l-ispejjeż tagħhom kienu għadhom eliġibbli għal kofinanzjament mill-UE, minkejja li xi infrastruttura ffinanzjata mill-UE fil-fatt ma kinitx qed tintuża.

F'14-il port li ġew eżaminati, kien hemm ukoll ħafna konnessjonijiet maż-żoni interni (eż. bit-triq u bil-ferrovija) li kienu neqsin u inadegwati. Dawn se jirrikjedu aktar finanzjament pubbliku biex l-investimenti inizjali fil-portijiet ikunu jistgħu jaħdmu sew.

Fl-aħħar nett, Il-Kummissjoni ma ħaditx l-azzjoni meħtieġa fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat u proċeduri doganali biex il-portijiet marittimi jkunu jistgħu jikkompetu f'kundizzjonijiet ekwi. Biex tiġi evitata d-distorsjoni tas-swieq, kien ikun tajjeb li kieku l-kontrolli tal-għajnuna mill-Istat saru b'mod aktar effettiv bit-twettiq ta' monitoraġġ *ex post* biex jiġi vvalutat jekk il-kundizzjonijiet li taħthom kienu ttieħdu deċiżjonijiet preċedenti (eż. għall-konċessjonijiet) baqgħu ma nbidlux, jew bl-istabbiliment ta' linji ċari dwar l-għoti ta' appoġġ għal sovrastruttura speċifika għall-utent. L-awdituri jagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet, fil-biċċa l-kbira lill-Kummissjoni; il-punti ewlenin huma kif ġej:

- Tirrivedi l-għadd attwali ta' 104 portijiet ċentrali u tistipula pjan ta' żvilupp tal-portijiet għall-UE kollha.

- Tqis il-possibbiltà li l-infrastruttura tal-portijiet għat-trasbord u l-ħażna ta' kontejners kif ukoll is-sovrastruttura li mhijiex fi ħdan il-mandat pubbliku, jiġu esklużi minn finanzjament mill-UE.

- Tiżgura li l-informazzjoni essenzjali kollha dwar is-self, fir-rigward ta' selfiet proposti mill-BEI, tiġi kondiviża bejn il-BEI u l-Kummissjoni.

- Tipprijoritizza l-portijiet ċentrali u l-passaġġi ewlenin fuq l-ilma għal appoġġ mill-UE għall-investiment, f'każijiet biss fejn il-valur miżjud tal-UE jkun ċar u fejn ikun hemm biżżejjed investiment privat.

- Toħroġ linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat speċifiċi għall-portijiet u timmonitorja u twettaq segwitu ta' deċiżjonijiet preċedenti dwar l-għajnuna mill-Istat.

- Tnaqqas il-piż amministrattiv u d-dewmien permezz tal-promozzjoni ta' "punti uniċi ta' servizz" nazzjonali għall-ħruġ ta' permessi u ta' awtorizzazzjonijiet.

- Ittejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tat-trasport marittimu meta mqabbel ma' modi oħra ta' trasport billi tissimplifika aktar il-formalitajiet tat-trasport marittimu u dawk doganali.

**Noti lill-Edituri**

Fl-2013, l-industrija tat-trasport marittimu Ewropea hija stmata li kkontribwiet madwar 1 % għall-PDG tal-UE u li pprovdiet impjieg għal madwar żewġ miljun persuna. Hemm 1 200 port kummerċjali tal-baħar fi 23 Stat Membru tal-UE li jimmaniġġjaw tliet kwarti mill-kummerċ tal-merkanzija ma' pajjiżi mhux membri u aktar minn terz tal-merkanzija fi ħdan l-UE.

Investiment fl-infrastruttura tal-portijiet huwa eliġibbli għal kofinanzjament mill-UE permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni taħt ġestjoni kondiviża, kif ukoll permezz tan-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa taħt il-ġestjoni diretta tal-Kummissjoni Ewropea.

Bejn l-2000 u l-2013, finanzjament ta' madwar EUR 6.8 biljun ġie pprovdut mill-baġit tal-UE għal investiment fil-portijiet. Barra minn hekk, il-Bank Ewropew tal-Investiment ipprovda investiment fil-portijiet fil-forma ta' self li

ammonta għal madwar EUR 10 biljun.

Ir-Rapport Speċjali Nru 23/2016: "It-trasport marittimu fl-UE: f'baħar ta' inkwiet - sar ħafna investiment li la huwa effettiv u lanqas sostenibbli" huwa disponibbli bi 23 lingwa tal-UE.

---